**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 35/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmel Gauci**

Illum, 10 ta' Gunju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Carmel Gauci, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 628763M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-5 ta' Ġunju 2021 għall-ħabta ta' bejn 07:00hrs u 07:15hrs, ġewwa dawn il-gzejjer:

(1) Għamel lil Joseph Gauci inġurji u/jew theddid mhux imsemmi band'oħra fil-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.
(2) U aktar talli għamel użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika (*mobile*).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Jannar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikoli 49(1)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Carmel Gauci ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ikkundanatu:

i) Għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, skond id-dettami tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tinżamm l-ordni pubblika, rabtet u obbligat lil ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu illi ma jimmolestax, ma jiffastidjax u ma jdejjaqx lil Joseph Gauci għal zmien tnax-il xahar u dan taħt penali ta' elf Ewro (€1000) fl-eventwalita' li hu ma josservax dawn l-ordnijiet fiz-żminijiet stipulati minn din is-sentenza.

ii) Għal dak li jirrigwarda t-tieni mputazzjoni, ikkundannat lil Carmel Gauci għal ħlas ta' multa ta' mitt Ewro (€100).

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Gauci, ippreżentat fid-9 ta' Frar 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Eman Hayman) vs Carmel Gauci" tat-28 ta' Jannar 2022, u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aggravji imqanqla mill-appellant kollu jduru madwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u għalhekk ser jiġu kkunsidrati flimkien. Il-Qorti għal dan il-għan, u sabiex jiġu mistħarrġa dawn il-lanjanzi, eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tqies jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta

Illi minn eżami tal-atti jemerġi xenarju ta' disgwid familjari bejn l-appellant Carmel Gauci u ħuh Joseph Gauci li ilu għaddej għal xi snin. Jidher li nhar is-7 ta' Ġunju 2021, il-kwerelant għamel rapport mal-pulizija fejn stqarr li jumejn qabel kien irċievha telefonata mingħand l-appellant f'liema telefonata dan kellmu b'mod aggressiv u qallu l-kliem "*imbilli bagħtli l-ittri bl-avukat għax li kieku qed quddiemi għax ma nafx x'nagħmillek kieku*". Dan kollu l-kwerelant reġa ikkonfermah meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, għalkemm fil-verżjoni tiegħu fil-qorti, dan il-kliem ta' theddid li allegatament intqal inbidel kemmxejn għad-diskors "*li kieku kont quddiemi kont intajrek*". Il-kwerelant kompla jispjega li b'dan id-diskors li intqal minn ħuh fil-konfront tiegħu huwa ħassu bezgħan u mhedded u fehem li dan kien lest għalih biex jerfa' idejh fuqu b'xi daqqa ta' ponn. Minn naħa l-oħra, l-appellant, għalkemm għazel li ma jixhidx quddiem l-Ewwel Qorti, madanakollu fil-verżjoni mogħtija minnu lil pulizija fejn kien assistit mill-avukat tiegħu, huwa innega li qatt hedded lil ħuh pero' ammetta li kien ċempillu fid-data mertu ta' dan l-inċident u kien indirizzah bil-kliem "*baħnan*".

**Ikkunsidrat:**

Illi, *in primis*, l-appellant jilmenta dwar il-fatt li dawn il-proċeduri ġew meqjusa mill-qorti fuq l-istess livell ma' proċeduri ta' vjolenza domestika bil-konsegwenza li dan sarraf f'ħela ta' rizorsi diġa limitati a skapitu tal-vittmi ġenwini tal-vjolenza domestika. Illi dan l-ilment lanqas ma huwa dirett lejn is-sentenza appellata, iżda jirrigwarda deċiżjoni amministrattiva li taqa' lil hinn mis-setgħat tal-Qorti u fi kwlaunkwe każ ma tibiddilx in-natura tal-akkuża addebitata lil appellant għajr għal fatt illi l-qrati huma obbligati jimxu b'ċirkospezzjoni akbar meta *si tratta* ta' reati li iseħħu fl-ambitu tan-nukleju familjari.

v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi l-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem dwar *il-Vjolenza Abbazi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika,* fl-Artikolu 2 jagħti definizzjoni tat-terminu "*vjolenza domestika*" bħala:

> **"kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali[2], fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika".**

Ukoll, fl-istess Artikolu, il-kelma "*familja*" hija mfissra li tinkludi ukoll lil "*persuni li huma relatati ma' xulxin mid-demm...*". Dan isegwi li vjolenza verbali bejn l-aħwa hija rregolata wkoll b'din il-liġi u kwindi ma seħħet ebda irregolarita' kif prospettat mill-appellant. Fil-fatt din kienet l-intenzjoni tal-leġislatur meta fassal il-liġi dwar il-vjolenza domestika u dan sabiex iħares milli persuni fl-ambjent domestiku li jidhrilhom li għandhom il-jedd u s-setgħa jirrikorru għal vjolenza jew theddid sabiex tirrenja l-fehma tagħhom jiġu rinfaċċjati bis-sanzjonijiet tal-liġi.

**Ikkunsidrat:**

Illi mbagħad fil-mertu l-appellant jilmenta illi bil-fatt waħdu illi persuna tindirizza persuna oħra bil-kelma "*baħnan*" dan l-aġir ma jammontax għal inġurja maħsuba fil-liġi. Illi fil-fehma tal-Qorti l-appellant erronjament qiegħed isejjes is-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti fuq din il-premessa u dan għaliex għalkemm l-appellant jammetti biss illi qal din il-kelma lil ħuh, madanakollu ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti tat wisq piż lil verzjoni tiegħu tal-fatti, iżda aktar lil dik mogħtija mill-parti offiża minn fejn jirriżulta illi l-appellant lissen kliem ieħor li jammonta mhux biss għal inġurja iżda ukoll għal theddid fil-konfront ta' ħuh, tant illi dan ta'l-aħħar igħid li wara it-telefonata li irċieva minn għand l-appellant huwa hassu imbeżżża', anke minħabba mhux biss it-ton aggressiv li ntuza' f'din it-telefonata, iżda ukoll fid-dawl ta' konfronti oħra li kellhom bejniethom fil-passat.

---

[2] Enfazi tal-Qorti.

Illi jiġi mfakkar li l-appellant jinsab mixli bl-akkuża ta' natura kontravvenzjonali meta huwa allegatament inġurja u/jew hedded lil parti leża. Jingħad minnufih illi l-element tat-theddid maħsub fl-Artikolu 339 (1)(e) tal-Kodici Kriminali –

> **"tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent."[3]**

Illi, *in oltre*, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Gauci** ġie hekk deciz:

> **"Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor - xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid:**
>
> **"*e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace*'" .**
>
> **Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva."[4]**

Illi mhuwiex minnu imbagħad dak li jikkontendi l-appellant illi minn imkien mill-provi prodotti ma jirrizulta illi l-kwerelant, f'xi mument, ħassu bezgħan u dan għaliex mix-xhieda tal-kwerelant stess quddiem l-Ewwel Qorti jidher illi mit-ton tiegħu dan fehem illi l-appellant kien aggressiv u ħassu mhedded kif ukoll li tali kliem tawh x'jifhem li l-appellant kien ser juża vjolenza fil-konfront tiegħu permezz ta' xi daqqa ta' ponn. Ukoll, mir-rapport imħejji mill-Aġenzija Appoġġ, eżebit in atti hemm imniżżel propju hekk – "*Client said that he is afraid that his brother might physically harm him because he took the threat seriously*". Għaldaqstant, l-appellant m'għandux raġun f'dan l-aggravju minnu ntentat billi huwa indubitat illi l-aġir tiegħu nissel fil-kwerelant sens ta' biza, tant li ħass il-ħtieġa li jirraporta l-akkadut lill-awtoritajiet kompetenti u għalhekk dina l-Qorti temmen li l-Ewwel Qorti kienet korretta li ssib ħtija fir-rigward.

---

[3] Pulizija vs Joseph Frendo deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar is-7 ta' Lulju 1995.

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-12 ta' Ġunju 2003.

Għal dawn il-motivi, l-ewwel zewġ aggravji tal-appellant qed jiġu respinti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-aħħarnett il-Qorti tistqarr mingħajr tlaqliq illi it-tielet aggravju tal-appellant jirrażenta il-fieragħ meta jikkontendi illi ġjaladarba m'hemmx ħtija fuq l-ewwel imputazzjoni, allura huwa għandu jiġi illiberat mit-tieni mputazzjoni ukoll. Dan għaliex minn qari tas-sentenza appellata kellu jkun evidenti għall-appellant illi l-Ewwel Qorti sabet ħtija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni wkoll u minflok għaddiet biex teroga l-piena għal din l-imputazzjoni, applikat fil-konfront tiegħu id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk billi dan l-aggravju huwa mingħajr bażi qed jiġi miċħud ukoll.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha biż-żmien mogħti għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali jibda jiddekorri mil-lum.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**